MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## VINCENT GALEA

Seduta tal-15 ta' April, 2015

Talba Numru. 197/2015

**Argus Insurance Agencies Limited (C-597) ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta estera Argus Insurance Company (Europe) Limited**

**Vs**

**Reuben SCICLUNA**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fit-18 ta' Marzu, 2015** u li permezz taghha talbet lill-intimat ihallasha s-somma ta' elf disa mija u erbghin euro u sebgha u sebghin centezmi ta' euro [€1,940.77c] u dan wara li ppremettiet hekk:

> "1. Matul is-sena 2013, il-konvenut kien assigura l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni EAD 062 mas-socjeta attrici;

2. Nhar is-7 ta' Marzu 2013 sehh incident awtomobilistiku gewwa Triq l-Iklin, Iklin bejn l-imsemmija vettura misjuqa mill-konvenut stess, il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni DAF-586 fi proprjeta ta' Emanuel Grech u l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni CBN-726 di proprjeta ta' Daniel Schembri;

3. Il-konvenut baqa ma ressaqx *claim* mas-socjeta attrici relattivament ghall-incident de quo, kif kien obbligat illi jaghmel kemm ai termini tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll ai termini tal-polza ta' assigurazzjoni relattiva mahruga mis-socjeta attrici;

4. Is-socjeta attrici avzat lill-konvenut sahansitra permezz ta' ittra mibghuta permezz tal-posta registrata nhar l-1 ta' Awwissu 2013 illi n-nuqqas da parti tieghu illi jirregistra *claim* jikkostitwixxi ksur tal-kundizzjonijiet tal-polza ta' assigurazzjoni mahruga fuq il-vettura tieghu, illi hija kienet tal-opinjoni illi l-konvenut kien unikament responsabbli ghall-incident de quo u ghalhekk fin-nuqqas ta' oggezzjoni da parti tal-istess konvenut, hija kienet ser tindennizza lit-terzi ai termini tal-Artikolu 15 tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta. Permezz ta' din l-ittra, is-socjeta attrici informat lill-konvenut ukoll illi hija kienet qieghda tirrizerva l-posizzjoni taghha fil-konfront tal-istess konvenut f'kaz illi dana jibqa jonqos milli jirregistra l-*claim* relattiv ghal dan il-kaz;

5. Minkejja illi l-imsemmija ittra giet debitament notifikata, il-konvenut baqa qatt ma ressaq il-claim relattiv mas-socjeta attrici;

6. Effettivament, in vista tal-fatt illi l-konvenut ma rregistra ebda oggezzjoni skond il-Ligi, is-socjeta attrici hallset lit-terzi ai termini tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta, is-somma ta' elf disa mija u erbghin

Euro u sebgha u sebghin centezmu (€1,940.77) kif jista jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' dan il-kaz;

7. Peress li l-konvenut agixxa bi ksur tal-kundizzjonijiet tal-polza ta' assgurazzjoni relattiva u tal-Ligi, is-socjeta attrici hija awtomatikament intitolata illi tirkupra minghand l-istess konvenut l-ammont ta' elf disa mija u erbghin Euro u sebgha u sebghin centezmu (€1,940.77) rapprezentanti l-ammont minnha sborsat favur terzi f'dan il-kaz.

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra ufficjali numru 636/2014 ipprezentata mis-socjeta attrici fil-konfront tal-konvenut ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta, u bl-interessi legali mid-data tan-notifika tal-imsemmija ittra ufficjali sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenut, illi jibqa minn issa ngunt ghas-subizzjoni".

Ra li ghalkemm l-intimat gie debitament notifikat fit-28 ta' Marzu, 2015 (fol. 6) huwa baqa ma kkontestax it-Talba fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduta tal-lum.

Semgha x-xhieda ta' l-Avukat Dottor Roberta Buhagiar, li kkonfermat li l-ammont reklamat mis-socjeta rikorrenti ghadu dovut fl-intier tieghu mill-intimat.

Ra li Dr. Roberta Buhagiar iddikjarat li s-socjeta rikorrenti ma kellhiex provi aktar xi tressaq u talbet lit-Tribunal sabiex jghaddi ghas-sentenza a tenur tal-artikoli 9 (2) (a) u 13 (b) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta, liema talba t-Tribunal laqa'.

It-Talba ġiet posposta ghas-sentenza ghal-lum stess.

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din it-Talba, s-socjeta rikorrenti qeghda titlob il-hlas, minghand l-intimat tas-somma ta' elf disa mija u erbghin euro u sebgha u sebghin centezmi ta' euro [€1,940.77c] kif hawn fuq inghad.

Ikkunsidra;

2. Dr. Roberta Buhagiar xehdet illum stess li l-ammont reklamat mis-socjeta rikorrenti ghadu dovut fl-intier tieghu mill-intimat.

Ikkunsidra ulterjorment;

3. Illi l-paragrafu (a) tas-sub-artikolu (2) ta' l-artikolu 9 tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi testwalment hekk:

*(2) Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (21), ġudikatur –*

(a) *Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is-smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda;*

4. Imbaghad il-paragrafu (b) ta' l-artikolu 13 tal-Kapitolu 380 jipprovdi hekk:

*Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu:*

*(b) Jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-gudikatur jista jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d-disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis.* (sottolinejar tat-Tribunal).

5. Illi minn qari ta' l-ahhar disposizzjoni hawn fuq imsemmija jirrizulta li hija mhollija fid-diskrezzjoni tat-Tribunal jekk huwa jiddiferixxiex il-kawza jew le ghal ġurnata ohra sabiex jisma lill-intimat f'kaz li dan ma jidhirx quddiemu.

6. Fil-kaz odjern, l-intimat ghalkemm gie debitament notifikat fit-28 ta' Marzu, 2015 (fol. 6) baqa ma kkontestax it-Talba fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduta tal-lum..

7. Jirrizulta li t-talba tas-socjeta rikorrenti hija fondata u li ma tressqet l-ebda prova li b'xi mod turi li dak li intqal mis-socjeta rikorrenti ma ghandux mis-sewwa.

8. Illi ghalhekk, in vista tal-provi ppreżentati quddiemu, it-Tribunal ma ghandu l-ebda triq ohra hlief li jiddikjara li l-ammont mitlub mis-socjeta rikorrenti huwa dovut mill-intimat.

   Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi jilqa t-talba tas-socjeta rikorrenti kif kontenuta fit-Talba taghha u konsegwentement jikkundanna lill-intimat ihallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' elf disa mija u erbghin euro u sebgha u sebghin centezmi ta' euro [€1,940.77c] bl-imghaxijiet legali kif mitluba fuq dan l-ammont sad-data tal-hlas effettiv.

   L-ispejjez kollha, inklużi dawk ta' l-ittra uffiċjali, huma a kariku tal-intimat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------